

# *SEJBA TA' QABAR ĠO BARRIERA F'SANNAT*

Rapport dwar il-ħidma tad-Dipartiment tal-Mużewijiet matul is-snin 1928-9 jgħarrafna illi fit-13 ta' Jannar 1929 kien instab qabar ġo barriera f'Sannat. F'dan il-qabar kienu nstabu ġarra żgħira, "oinochoe", u musbieħ tal-fuħħar ħamrani maġenb gozz għadam uman li kien mħerri[1].

Skond l-istess rapport, il-musbieħ kellu, fil-wiċċ tiegħu, żewġ toqob żgħar mnejn kien jitferra ż-żejt u bejn l-istess żewġ toqob kien hemm xbieha f'riljiev ta' ħamiema bil-gwienaħ miftuħin. L-istess musbieħ kellu manku solidu u wieqaf. Kellu wkoll l-ittra "B" kbira nċiża fil-qiegħ tiegħu[2].

L-"oinochoe" bħal dak li jissemma fir-rapport, kien ikun buqar tal-fuħħar b'widna waħda u xi drabi bix-xoffa miġbuda 'l ġewwa f'żewġt iġnub b'mod li tifforma għamla ta' żennuna. Kif jindika ismu mill-Grieg, dan ir-reċipjent kien jintuża propjament għall-inbid[3], iżda mhix eskluża l-possibilità li setà kien jintuża wkoll għal likwidi oħrajn bħall-ilma u ż-żejt. F'dawn il-gżejjer, l-"oinochoe" nsibuh diġa'' sa minn żmien il-Feniċi, iżda kien għadu jiġi manifatturatu wżat żgur sal-perjodu Ruman, anke dak tardiv.

Mid-deskrizzjoni tal-musbieħ li jagħtina r-rapport, jirriżulta li dan kien musbieħ ta' tip li kienu jiġu manifatturati fl'Afrika ta' Fuq mil-ħames (u probabilment anke sa mir-raba' seklu) sas-sitt seklu wara Kristu (ara l-istampa)[4]. Minħabba li msiebaħ ta' dan it-tip kienu jsiru bil-forma, dawn kienu jiġu manifatturati bil-kwantità u kienu jiġu esportati lejn diversi postijiet fil-Mediterran, nkluża gżiritna. Madankollu, setgħu jiġu wkoll manifatturati lokalment minn mudelli ewlenin jew minn forom importati.

Minn dan kollu wieħed jikkonkludi li dan il-qabar, misjub f'Sannat 67 sena ilu, x'aktarx kien tal-perjodu Ruman tardiv.

***Noti u referenżi.***

1. *Museum Annual Report 1928-9*. Malta 1929: V. Ir-rapport mkien ma' jindika f'liema parti tar-raħal ta' Sannat kienet tinsab il-barriera fejn instab il-qabar, iżda minħabba li l-konċentrazzjoni ta' barrieri kienet tinsab fl-inħawi "Tal-Bardan", jista' jkun li l-barriera li għaliha jagħmel referenża r-rapport, kienet f'dawk l-inħawi.

2. Ta' min jgħid li musbieħ ieħor tal-istess tip u li għandu wkoll l-ittra "B" kbira fil-qiegħ tiegħu, jinsab fil-mużew ta' Sant' Agata, r-Rabat (Malta). Jista' jkun li dan u l-musbieħ li nstab f'Sannat kienu ġew manifatturati fl-istess, fabbrika jew ċentru ta' manifattura, u dan minħabba li l-manifatturi f'dawn il-"fabbriki" jew ċentri ta' manifattura ġieli kienu jagħmlu timbri ta' dan it-tip fuq il-prodotti tagħhom. Ara BAILEY, D.M. 1963. *Greek and Roman Pottery lamps*, London: The Trustees of the British Museum: 23-4.

3. FINLEY, M.I. 1977. *Atlas of Classical Archaeology*, London: Chatto and Windus: 248-9.

4. BAILEY, D.M. 1963. *Greek and Roman Pottery lamps*, London: The Trustees of the British Museum: 20-I. 32, pl.D.